**5 ta' April, 1993**

**Imħallef: –**

**Onor. Anton Depasquale B.A., LL.D.**

Joseph Tanti

*versus*

Anthony Ciappara u Alfred Ciappara

## *Res Judicata*

*L-attur talab li l-konvenuti jiġu kkundannati jneħħu katusi ta' l-ilma. Ġiet eċċepita r-res judicata għaliex kien hemm sentenza preċedenti tal-Qorti ta' l-Appell.*

*Ġie kostantament ritenut illi sabiex tirnexxi l-eċċezzjoni tar-"res judicata" jridu jikkonkorru tliet rekwiżiti: l-identità tal-persuni, l-identità ta' l-oġġetti u l-identità tal-kawża.*

Il-Qorti: –

Rat l-att ta' ċitazzjoni illi biha l-attur, wara illi ppremetta illi wara l-atti tal-kawża fl-ismijiet premessi deċiża fit-2 ta' Novembru, 1988 fil-Qorti ta' l-Appell (Ċit. Nru. 152/88) fejn il-konvenuti kellhom ineħħu katusa ta' l-ilma minn fuq il-proprjetà ta' l-attur bejn il-fond 8 u 10, Ħali Street, Ħaż-Żebbuġ;

Illi l-konvenuti għalkemm neħħew il-katusa ta' l-ilma li kien jiġi mill-bejt il-kbir, ħallew dik taż-żgħir abusivament – illegalment;

Talab għaliex din il-Qorti ma għandhiex:

1. Tikkundanna lill-konvenuti jneħħu l-katusa ta' l-ilma li hemm mill-bejt iż-żgħir tal-fond tagħhom li jagħti għal fuq ta' l-attur f'8 u 10 Ħali Street, Ħaż-Żebbuġ liema katusa għadha hemm illegalment u abusivament u dan fi żmien qasir u perentorju u alternattivament;

2. U li l-esponenti jiġi awtorizzat ineħħi tali katusa hu a spejjeż tal-konvenuti;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti mħarrka għas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta' l-attur;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenuti illi biha eċċepew:

1. In linea preliminari r-*res judicata stante* li bejn l-istess kontendenti ġà kien hemm proċeduri fir-rigward ta' l-istess mertu konklużi bis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tat-2 ta' Novembru, 1988;

2. Fit-tieni lok jidher li hemm konfużjoni fit-talba ta' l-attur *stante* li mill-proprjetajiet ta' l-eċċipjenti llum ma hemm ebda katusi li jagħtu għal fuq il-proprjetà ta' l-attur;

Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti;

*Rat id-digriet ta' l-erbatax (14) ta' Ġunju, 1991 illi bih l-*Avukat Dottor Giovanni Griscti ġie nnominat Perit Legali u l-Arkitett u Inġinier Ċivili Renè Buttigieg ġie nnominat Perit Tekniku sabiex jassisti lill-Perit Legali, u dana sabiex ifittxu u jirrelataw dwar l-ewwel (1) eċċezzjoni tal-konvenuti u sabiex jagħmlu l-osservazzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-każ;

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-erabatax (14) ta' Diċembru, 1992 illi minnu jirriżulta illi l-Qorti, in vista tad-dikjarazzjoni ta' l-imsemmi Perit Legali illi, għal raġunijiet imputabbli lil-attur,

kien qed isibha diffiċli li jespleta l-inkariku lilu mogħti, issospendiet l-inkariku *tal-Perit Legali u tal-Perit* Tekniku, *ordnat* lill-Perit Legali illi jirritorna l-inkarament u ddifferit il-kawża għat-trattazzjoni tal-kawża quddiemha;

Eżaminat l-atti tal-kawża u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat:

Illi qabel xejn trid tiġi kkunsidrata l-ewwel (1) eċċezzjoni tal-konvenuti, illi permezz tagħha qed jissottomettu illi għall-azzjoni attriċi tosta r-*"res judicata"* in vista *tas-sentenza mogħtija* f'kawża dwar l-istess mertu u bejn l-istess kontendenti mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-tnejn (2) ta' Novembru, 1988;

Il-konvenuti esibew kopja informi ta' din is-sentenza waqt is-seduta ta' l-għaxra (10) ta' Ottubru, 1990 (*fol. 12 sa 18*) u, kif jirriżulta mill-verbal tas-seduta ta' l-ewwel (1) ta' Frar, 1991 (fol. 20) il-kontendenti jaqblu illi din hija kopja fidili tas-sentenza relattiva;

Ikkunsidrat:

Illi ġie kostantament ritenut illi sabiex tirnexxi l-eċċezzjoni tar-*"res judicata"* jridu jikkonkorru tliet (3) rekwiżiti l-identità tal-persuni, l-identità ta' l-oġġetti u l-identità tal-kawża;

Ikkunsidrat:

Illi ma jidhirx illi huwa kkontestat bejn il-kontendenti illi l-attur, fil-kawża deċiża bl-imsemmija sentenza ta' l-Onorevoli Qorti ta' l-appell huwa l-attur odjern u illi l-konvenuti odjerni

kienu konvenuti fl-istess kawża deċiża mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell;

Illi, għalhekk, hemm identità tal-persuni fiż-żewġ (2) kawżi;

Ikkunsidrat:

Illi r-rekwiżiti ta' l-identità ta' l-oġġetti u ta' l-identità tal-kawża jirriżultaw sodisfatti mhux biss minn eżami, anke l-aktar superfiċjali ta' l-att ta' ċitazzjoni fil-kawża deċiża hawn fuq imsemmija u ta' l-att ta' ċitazzjoni odjern, iżda wkoll, u b'mod l-aktar elokwenti mid-deposizzjoni ta' l-attur tat-tnax (12) ta' Marzu, 1993, illi qed tiġi hawn riprodotta fl-interità tagħha;

"Jien qed nagħmel din il-kawża minħabba n-nuqqas li kien hawn fil-kawża l-oħra li għamilt kontra l-konvenuti. Dan in-*nuqqas* sar mill-Perit Tekniku nnominat mill-Qorti fil-kawża l-oħra. In-nuqqas tal-Perit Tekniku nnominat fil-kawża l-oħra kien li fir-rapport tiegħu ma semmiex dak li sab fil-post in kwistjoni u li jien ilmentajt minnu waqt li kienet pendenti dik il-kawża. F'din il-kawża ta' llum qed nitlob bħal ma tlabt fil-kawża l-oħra. Fil-kawża l-oħra kelli lmenti dwar ilma li għaddej minn kanal minn *ħajt ta' l-appoġġ dobblu*;

Id-difensur tal-konvenuti qed jirreferini għall-ilmenti li jien avanzajt fil-kawża l-oħra u dan kif iddikjarat minni fl-att ta' ċitazzjoni l-oħra. Il-kawża ta' llum qed nagħmilha fuq l-istess ilmenti tal-kawża l-oħra għaliex il-Perit Tekniku ma tax każ ta' dak li jien xhedt fil-kawża l-oħra";

Ikkunsidrat:

Illi, għar-raġunijiet fuq imsemmija, l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti timmerita akkoljiment;

Għal dawn il-motivi:

Tilqa' l-ewwel (1) eċċezzjoni tal-konvenuti dwar ir-"*res judicata*" u konsegwentement tiċħad it-talbiet attriċi;

Tordna illi l-ispejjeż tal-kawża jiġu sopportati kollha mill-attur.